Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 11/2016

**Kevin Sultana (appellat)**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali (appellant)**

28 ta' Marzu, 2017.

1. L-intimat appella mid-decizjoni tal-arbitru tat-23 ta' Frar, 2016 li biha ntlaqa' l-appell tar-rikorrent mid-decizjoni tal-intimat li kien thallas zejjed is-somma ta' €50,573.17 fl-ghajnuna tal-qghad ghall-perjodu bejn l-24 ta' Marzu, 2009 sat-22 ta' Mejju, 2015. L-intimat kien gharraf lir-rikorrent li l-beneficcju tal-qghad ma kienx dovut u ghalhekk kellu jhallas lura dak li rcieva.

   Fid-decizjoni l-arbitru kkonkluda li t-trasferiment tal-art lir-rikorrent u martu kien bhala prestanome ta' binthom minuri, u dan kif kien irrizulta mid-deposizzjoni ta' Dolores Dimech li kienet ittrasferiet l-art flimkien ma' zewgha. Fid-decizjoni ntqal:

   *"Illi, fl-opinjoni tal-Arbitru, x-xhieda t'omm il-mara tal-appellant hija wahda veritjiera u l-Arbitru m'huwiex konvint illi l-appellant bejn l-24 ta' Marzu 2009 u 22 ta' Mejju 2015 kellu fil-pussess tieghu assi li jeccedu t-tlieta u ghoxrin elf u tliet mitt ewro (€23,300) stabbiliti mil-ligi sabiex wiehed jibbenifika mill-Ghajnuna ghal Dizimpieg u dan peress li mix-xhieda moghtija flmkien mad-dokumenti esebiti jirrizulta bic-car illi minkejja illi l-art in kwistjoni kienet giet moghtija lilu u lil martu b'titolu ta' donazzjoni, l-appellant kien qieghed jagixxi biss bhala prestanome ghall-bintu"*.

2. L-intimat appella mid-decizjoni. L-aggravji huma:

   i. Ir-rikorrent naqas milli jgharraf lid-Dipartiment li l-familja tieghu rceviet proprjeta b'valur li jeccedi l-iskala massima. Ghalhekk ir-rikorrent kiser l-obbligu li ghandu skont l-artikolu 97 tal-Att dwar is-Sigurta Socjali.
   ii. Ir-rikorrent ircieva flus li ma kienx intitolat ghalihom.

3. Ir-rikorrent wiegeb li l-arbitru ghamel apprezzament korrett tal-provi.

4. **Fatti.**

   i. L-intimat kien jircievi l-ghajnuna tal-qghad mill-24 ta' Marzu, 2009 sat-22 ta' Mejju, 2015.

ii. Fl-24 ta' Marzu, 2009, flimkien ma' martu kien ircieva b'donazzjoni porzjon art fiz-Zebbug, Ghawdex u gie ddikjarat li ghandha valur ta' €46,590.
iii. Ir-rikorrent ma tax avviz lid-Dipartiment li sar sid ta' l-imsemmi immobbli.
iv. Fil-25 ta' Ottubru, 2013, ir-rikorrent u martu ttrasferew l-art lil binthom Mirabelle Sultana ta' hmistax-il sena. L-art giet dikjarata li ghandha valur ta' €70,000.
v. Il-valur tal-art jaqbez is-somma ta' €23,300 u ghalhekk skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsimiet II u VI tat-Tieni Skeda tal-Kapitolu 318 l-appellant kien qieghd jircievi beneficcju li skont il-ligi ma kienx intitolat ghall-ghajnuna. Ghalhekk talbu rifuzjoni tal-flus kollha li kien ircieva minghand id-Dipartiment bhala beneficcju tal-qghad. It-Tieni Skeda tal-Kap. 318 hi dik rilevanti ghall-kalkolu tal-mezzi ghal finijiet ta' ghoti ta' beneficcji fosthom l-ghajnuna tal-qghad.

5. Fil-kuntratt tal-24 ta' Marzu, 2009 m'hemm xejn li jindika li Stephen u Dolores konjugi Dimech riedu jiddonaw l-art lin-neputija Mirabelle Sultana. Il-qorti ma temminx li fuq dak l-att il-konjugi Sultana deheru bhala *prestanome* ta' binthom ghaliex fih hemm klawzola li tipprovdi:

*"Din id-donazzjoni qeghda ssir bil-kundizzjoni espressa illi jekk* ***xi wahda mid-donanti (ahwa Dimech u zwieghom) tigi biex titrasferixxi lil terzi l-proprjeta lilha donata*** *b'dan l-att, jew xi parti minnha, jew il-benefikati (jew parti mill-benefikati) eretti fuqha,* ***hija ghandha l-ewwel toffri l-istess proprjeta lid-donanti jew min minnhom ikun haj fid-data ta' tali propost trasferiment u in difett taghhom lill-hutha l-ohra – u dawn, prezz bi prezz ikunu preferuti fuq terzi ghall-akkwist taghha****. Din il-kundizzjoni titlef kull validita wara l-mewt tas-superstiti fost id-donanti".*

Jekk l-art kienet ghall-minuri ma kienx ser ikun hemm klawzola bhal din, li kienet taghti *mano libera* lir-rikorrent u lil martu li jittrasferixxu l-art b'dan li kellhom l-ewwel joffruha lid-donanti u f'kaz li ma ridux jakkwistawha, kellhom imbaghad joffruha lit-tfal l-ohra taghhom. Fl-affidavit Maria Dolores Dimech xehedet:

*"Illi jien kont ftehmt mal-istess Kevin u Francelle Sultana illi fil-futur din l-art ghandha tghaddi fuq binthom Mirabelle".*

Din l-intenzjoni mhi riflessa mkien fil-kuntratt u anzi m'hijiex kompatibbli mal-klawzola fuq imsemmija.

Inoltre, f'ittra legali tal-5 ta' Ottubru, 2015 li d-difensur tar-rikorrent baghat lill-ufficcju tal-arbitru, ta l-verzjoni ta' x'gara. Jissemma kif Dolores Dimech hadet parir minghand in-nutar li ppubblika l-att,

*"(….) u dan kien ta parir biex tatiha b'donazzjoni lit-tifla taghha (u mhux lin-neputija). Imbaghad setat torbot lit-tifla taghha Francelle Sultana biex din tghaddiha lit-tifla taghha (Mirabelle). In-Nutar fil-fatt ta dan il-parir sabiex it-tifla taghha ma tkunx tista tfittex ghal-legittima"*.

Fit-twegiba r-rikorrent qal:

*"Fuq parir tal-istess nutar ghalhekk sar kuntratt ta' donazzjoni lil mart l-appellat pero saret rabta fuq l-istess kuntratt li din ma setatx tbiegh l-istess art minghajr il-kunsens ta' Maria Dolores Dimech. Dan sar ovvjament minhabba li l-intenzjoni kienet li l-art tinzamm ghand mart l-appellat biex eventwalment issir proprjeta tan-neputija Mirabelle Sultana"*.

Fil-kuntratt mhux talli r-rikorrent u martu ma gewx marbuta li jittrasferixxu l-art lil binthom, talli setghu jinnegozjaw l-art ma' terzi bil-kundizzjoni li l-ewwel joffruha lid-donanti u f'kaz ta' rifjut kellhom joffruha lill-ahwa ta' martu. Ghaldaqstant, m'huwiex minnu li saret xi kundizzjoni li ma setghux ibieghu l-art minghajr il-kunsens ta' Dolores Dimech. Id-donanti u warajhom uliedhom kellhom biss the *right of first refusal* u xejn iktar. Ghall-qorti ma jaghmilx sens li jekk kif qalet Dolores Dimech l-intenzjoni taghha kienet li taghti l-art b'donazzjoni lin-neputija u *"(….) kont ftehemt mal-istess Kevin u Francelle Sultana illi fil-futur din l-art ghandha tghaddi fuq binthom Mirabelle"* (ara affidavit ta' Dimech), ikollha terga' tixtri l-art li tat b'xejn f'kaz li r-rikorrent u martu jiddeciedu li jiddisponu minnha.

Sahansitra meta gie ppubblikat il-kuntratt tal-25 ta' Ottubru, 2013 li bih ir-rikorrent u martu taw l-art b'donazzjoni lil binthom, inkludew kundizzjonijiet:-

*"Id-donanti jirrizervaw favur taghhom innifishom id-dritt ta' uzu u uzufrutt fuq il-proprjeta trasferita tul hajjithom.*

*Din id-donazzjoni hija soggetta ghal kundizzjoni illi jekk id-donatarja tkun sejra tittrasferixxi l-istess proprjeta hija ghandha l-ewwel toffriha lill-genituri taghha, u prezz bi prezz dawn ikunu favoriti minn terzi"*.

Kieku verament ir-rikorrent u martu kienu biss *prestanome* ta' binthom, dawn il-kundizzjonijiet ma kinux ikunu parti mill-kuntratt. *Prestanome* m'ghandu l-ebda jedd jimponi kundizzjonijiet bhal dawk. Sahansitra, meta fis-27 ta' Settembru 2013 ipprezentaw ir-rikors fil-qorti volontarja u talbu l-awtorizazzjoni tal-qorti sabiex jaghtu l-art b'donazzjoni lil binthom, ma ddikjarawx li huma kienu biss *prestanome* ta' binthom. Indizju iehor kontra t-tezi tar-rikorrent.

Fit-twegiba r-rikorrent semma wkoll li n-nutar li ppubblika l-att tal-24 ta' Marzu 2009 li kien ta l-parir li jsir dak li fil-fatt sar, *"(….) sabiex it-tifla taghha ma tkun tista' tfittex ghal-legittima"*. In-nutar Michael Refalo ma giex imharrek bhala xhud, u f'kull kaz din il-verzjoni dwar legittima m'hijiex konvincenti meta tqies li r-rikorrent kien donatarju flimkien ma' martu Francelle Sultana.

Mid-decizjoni tal-arbitru hu evidenti li naqas milli jikkunsidra l-kundizzjonijiet li hemm fiz-zewg kuntratti u bbaza biss fuq dak li xehedet Dolores Dimech. Dan hu zbaljat.

6. Skont paragrafu 1 tat-Taqsima VI[1] tal-Kap. 318 meta jsir il-kalkolu tal-mezzi ghal finijiet tal-artikolu 30, ghandha titqies kull proprjeta, u *"(….) meta jinqabez il-limitu indikat fl-imsemmi proviso li hemm mal-paragrafu 1(a) tat-Taqsima II ta' din l-Iskeda, il-persuna li tkun qed titlob l-Ghajnuna Socjali ghandha titqies li ma tkunx intitolata ghal dik l-ghajnuna"*. Il-massimu fil-kaz ta' familja fejn hemm il-kap tal-familja u l-konjugi hu €23,300 (paragrafu 1 tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318). Il-valur tal-proprjeta hi iktar mill-massimu kontemplat mil-ligi. Ghalhekk ir-rikorrent ma kienx intitolat ghall-ghajnuna, ghallinqas zgur sakemm baqa' sid tal-art oggett tal-kuntratt li sar fis-sena 2013.

7. Mill-provi ma rrizultax li l-kuntratt tal-25 ta' Ottubru, 2013 sar sabiex ir-rikorrent ma jkollux proprjeta f'ismu minhabba li jircievi l-beneficcju tal-qghad. Fil-fatt kien biss matul is-sena 2015 li d-Dipartiment waqqaf il-beneficcju. Madankollu fit-twegiba li l-intimat ipprezenta quddiem l-arbitru (15 ta' Ottubru, 2015), qal:

   *"(….) anke jekk tigi accetata l-ipotezi li l-art riedet tghaddi ghand it-tifla, ai termini tat-Taqsima VI tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318, xorta jrid jigi kkunsidrat nofs il-valur tal-art in kwistjoni"*.

   Fir-rikors tal-appell argumenta:

   *"It-Taqsima VI tat-Tieni Skeda tipprovdi li meta jsir il-kalkolu tal-mezzi ghall-finijiet tal-artikolu 30, ghandhom jitqiesu kull proprjeta', dhul jew privilegg (minbarra d-dar ta' residenza) u jekk jinqabez il-limitu ta' €23,300 fil-kaz ta' familja bhalma hija tal-appellat, il-persuna li tkun qed titlob l-Ghajnuna Socjali ghandha titqies li ma tkunx intitolata ghal dik l-ghajnuna"*.

   Fir-rikors li mart ir-rikorrent ipprezentat fil-qorti volontarja fis-27 ta' Settembru 2013 jinghad li l-minuri Mirabelle Sultana tghix fir-residenza maghhom gewwa z-Zebbug, Ghawdex. Skont paragrafu 1 tal-istess Taqsima, fil-kalkolu tal-mezzi titqies ukoll kull proprjeta, *"(….) li tkun tal-membri kollha tal-familja li la jkunu persuni impjegati lanqas persuni li jimpjegaw lilhom infushom jew persuni li jimpjegaw lilhom infushom jew persuni li jahdmu ghalihom infushom skont dan l-Att, li hija jew tista' tkun, investita jew uzata bi qligh……"* Bint ir-rikorrent hi membru tal-familja li tifforma parti mir-residenza. Imbaghad skont paragrafu 3(b) tat-Taqsima II tat-Tieni Skeda, f'dan ir-rigward titqies nofs il-valur tal-proprjeta meta l-proprjeta ma tkun id-dar tar-residenza. Nofs il-valur ta' din il-proprjeta li fis-sena 2013 giet dikjarata li ghandha valur ta' €70,000, jaqbez it-*threshold* ta' €23,300. Bint ir-

[1] Tapplika in forza tal-artikolu 30, li jirregola l-beneficcju tal-qghad.

rikorrent hi membru tal-familja u tifforma parti mir-residenza u bhala minuri hu prezunt li ma kinitx impjegata jew thaddem lilha innifisha (minn dak li xehedet Francelle Sultana, jirrizulta li fl-2015 ghalqet 16 il-sena).

**Ghar-ragunijiet moghtija hawn fuq:**

1. **Tilqa' l-appell thassar id-decizjoni tal-arbitru tat-23 ta' Frar, 2016 u fl-istess waqt tichad l-appell li kien ippropona r-rikorrent permezz tal-ittra tal-5 ta' Ottubru, 2015. Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tar-rikorrent.**

Anthony Ellul.